L-AKKADEMJA TAL-MALTI

AD 1920

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Monsinjur Lawrenz Cachia jirbaħ il-Midalja tad-Deheb "Ġieħ l-Akkademja tal-Malti"**

Monsinjur Lawrenz Cachia rebaħ il-Midalja tad-Deheb "Ġieħ l-Akkademja tal-Malti" (2017). Ir-riżultat tħabbar waqt lejla ta' ġieħ organizzata mill-Akkademja tal-Malti taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca. Monsinjur Lawrenz Cachia twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1932. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo (tal-Ħamrun u tal-Belt) u aktar tard l-Università ta' Malta, minn fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija.

Sar saċerdot fl-1956. Qeda d-dmirijiet pastorali tiegħu bħala Kappillan tal-Gudja (1959-1963) u bħala Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ (1963–1983). Fl-1984 inħatar membru tat-Tribunal taż-Żwiġijiet, kariga li baqa' jżomm għal 22 sena sħaħ. Fl-1994 ingħata t-titlu ta' Monsinjur bħala membru tal-Kapitlu tal-Katidral. Illum huwa rtirat fid-Dar tal-Kleru fejn daħal 16-il sena ilu.

Bħala President tas-Soċjetà Christus Rex, Cachia kien wieħed mill-fundaturi tar-rivista *Pastor* u għal bosta snin serva fil-bord editorjali tagħha. Ta sehmu wkoll fil-qasam tax-xandir u kien involut f'diversi serje ta' programmi reliġjużi fuq Radju Malta u wara, anki fuq l-RTK. Wara li rriżenja minn Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ daħal fil-Fraternità ta' Charles de Faucauld u beda jieħu ħsieb ir-rivista tal-istess fraternità. Fl-1996 il-Gvern onora lil Mons. Cachia billi ħatru Membru tal-Ordni tal-Mertu għax-xogħol tiegħu b'risq l-Ilsien Malti.

Ħareġ tliet kotba dwar il-poeta nazzjonali: *Dun Karm: Il-Poeta Nazzjonali – Antoloġija Kkummentata* (1999), *Dun Karm: Il-Ħajja tal-Poeta Nazzjonali* (2011), u *Dun Karm Bħala Qassis* (2013). Fuq Mikiel Anton Vassalli ħareġ tliet kotba: *Mikiel Anton Vassalli: Ħajtu fil-Qosor* (1988), traduzzjoni ta' *Il-'Grammatica Melitensis' ta' Mikiel Anton Vassalli* (1996), u edizzjoni tal-*Lexicon jew Dizzjunarju Malti-Latin-Taljan* (2016).
Studji oħra li jmissu mal-Ilsien Malti jinkludu*: Il-Verb fil-Malti: Studju dwar il-Forom* (1984), Grammatika Ġdida tal-Malti (1994), *L-Ilsien Malti: Ilbieraħ u Llum* (1994), edizzjoni ta' *L-Ewwel Dizzjunarju Malti tal-Kavallier Thesan* (1999), *Ħabbew l-Ilsien Malti* (2000) u *Ilsna Semitiċi* (2004).

Monsinjur Cachia ppubblika wkoll diversi kotba oħra ta' natura reliġjuża. Dawn jinkludu: *Missirijiet il-Knisja* (1997), *Il-Bibbja Bħala Letteratura* (2001), u *L-Istorja tal-Kotba Mqaddsa Maqlubin għall-Malti* (2013). Fl-1991 kien ittraduċa *Il-Kantiku Spiritwali ta' San Ġwann tas-Salib*. L-aħħar xogħol tiegħu huwa *Il-Konċilji Ekumeniċi* (2017).

L-investitura tal-midalja saret mill-President ta' Malta fis-Sala Antoine de Paule fil-Palazz ta' San Anton f'Ħ'Attard.

In-nominazzjonijiet tal-membri tal-Akkademja ġew evalwati minn ġurija magħmula mill-Presidenti tal-Akkademja u tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti, u mill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università.

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi
15.11.2017

---